# FL-ORATORJU TAS-SANTISSMU KURĊIFISS BORMLA

Fl-arkivju ta' l-oratorju tas-Ss.mu Kurċifiss ta' Bormla jinsab ktieb bit-titlu ta' 'Memorandum' li fih hemm noti ta' ħwejjeġ interessanti li ġraw f'dan l-Oratorju. Xtaqt li ma nħallihomx midfunin imma ridt li ngħaddihom lil ħafna li jinteressaw ruħhom fl-istorja ta' pajjiżna.

L-oratorju nbeda fit-30 ta' Lulju 1731 u tlesta fl-aħħar ġranet ta' Lulju 1735. L-imgħallem kien Pawlu Cachia minn Bormla taħt id-disinn tal-perit Giacomo Bianco, u l-pjanta saret mill-periti Michele Cachia u Silvestru Cachia. L-ispejjeż ħarġu mill-konfratelli tas-Ssmu Kurċifiss.

L-oratorju ġie kkonsagrat fit-23 ta' Novembru 1783 mill-Isqof Mons. Vincenzo Labini li ukoll kien konsodal ta' l-istess Konfraternità tas-Ss.mu Kurċifiss. Din l-opra hekk kbira qamet lill-Konfraternità tagħna s-somma ta' ħamest elef u tnejn u erbgħin skudi (5742,2,8). Minn din is-somma tlieta u sittin skud (63,1,4) biss ġew offruti minn persuni devoti li ma kienux konsodali.



**L-ISTATWA TAD-DULURI** li tinsab barra fil-kantuniera ta' fuq ta' l-oratorju saret fis-sena 1759 mill-iskultur Mastru Gaetano Fabri. Il-Konfraternità tal-Kurċifiss ħallset is-somma ta' sitta u erbgħin skud (sc 46,9,0). Ta' min jgħid fis-sena 1897 din l-istatwa ġiet mibdula ma' waħda bħala, li tinsab fiċ-ċimiterju fi Sqaq l-Erwieħ f' Bormla. (ara Konsulta 383, 27 Sett - 1896 u konsulta 384, 21 Frar 1897).

**L-OSTENSORJU** tal-fidda tal-Veru Linju, ġie mogħti lil din il-Konfraternità sena wara li ġiet imwaqqfa, jiġifieri fl-10 ta' Frar 1675 mill-Ill.mu u Rev.mu Konti u Markiż Pallavicino Parmen, Inkwiżitur Ġenerali ta' Malta li kien wieħed mill-ewwel fratelli ta' din il-Konfraternità.

F'dan l-Ostensorju, barra s-salib tad-deheb li fih biċċa mill-Veru Linju jinstabu dawn ir-relikwiji:

1. Parti mill-liżar li fih ġie mgeżwer Sidna Ġesù Kristu fil-qabar.
2. Biċċa mil libsa li libbsu Kristu biex jgħadduh biż-żmien.
3. Biċċa mil libsa tal-Madonna.
4. Xi fdal mill-għadam ta' San Pawl Missierna.
5. Għadam ta' San Remiġ Isqof ta' Rheims fi Franza. Fl-atti tan-Nutar Ġużeppi Metropoli tad-29 ta' Frar 1860 wieħed jista' jara dawnid-dettalji flimkien ma' l-att tad-donazzjoni ta' dan l-ostensorju.

Ta' min jinnota li dan l-Illustrissimu Inkwiżitur fis-sena 1675 sar fratell ta' din il-Konfraternità u fis-sena 1706 sar Kardinal ta' Ommna l-Knisja Mqaddsa.

**L-ARTAL BIL-PROSPETTIVA RIKKA TA' L-IRHAM**, li żżejjen il-faċċata ta' l-Oratorju, opra ta' l-imsemmi Maestro Gio Antonio Nicolas, li qamet elf u ħames mitt skud, saret fis-sena 1768 kif jidher mill-atti tan-nutar Paolo Saliba fl-ewwel ta' Mejju 1763 u n-nutar Fortunato Garoffalo fid-19 ta' Lulju 1768.

**IL-KWADRU TITOLARI** ta' l-Oratorju, li jirrappreżenta lis-Sinjur tagħna Ġesù Kristu mniżżel mis-salib fi ħdan tal-imqaddsa xbejba omm tiegħu Marija Addolorata ġie mpinġi mill-Pittur Francesco Zahra is-somma pinġa ukoll il-Missier Etern u l-Ispirtu Santu li jinsabu fuq dan il-Kwadru, jiġifieri fuq il-frontispizju. Ta' min isemmi li sa l-1739 minflok dan il-kwadru titolari kien hemm kwadru ieħor li juri l-istess xena tad-Duluri, mpinġi mill-Pittur Enriku René, magħmul mill-ispejjeż tal-fratelli.

**IL-LAMPIER TAL-FIDDA** li jiżen ħdax-il libbra, ħdax-il uqija u erba' ottavi ġie magħmul mill-arġentier Mastru Ġużeppi Guinaud fis-sena 1759 li qam tlitt mija u ħdax-il skud (311,8,8) u ħallset għalih il-Konfraternità.

**IL-VENTARTAL TAL-FIDDA (NOVECENTO)** jiżen tletin kilo, opra tad-Dar Signor Antonio Ghezzi ta' Milan fis-sena 1905, fuq id-disinn ta' Abram Gatt, fratell tal-Kurċifiss u fuq il-mudell ta' l-injam tal-mastrudaxxa Francesco Ellul. Dan il-ventartal ġie mħallas parti mill-Oratorju u parti mill-fratelli. Qam is-somma ta' tliet elef u mitejn u erba' skudi, jiġifieri mitejn u seba' u sittin lira. Minn din is-somma tħallas lil Abram Gatt sitta u disgħin skud (jew tmin liri), u mija u tmien skud (jew disa' liri), lill-mastrudaxxa Francesco Ellul. Fit-tnejn ta' Mejju 1905 lejlet il-glorjuża festa ta' l-Invenzjoni tas-Salib Mqaddes, dan il-Ventartal ġie mqiegħed għall-ewwel darba fl-artal tagħna tas-Santissimu Kurċifiss li jinsab fil-perinsinji kolleġjata u Parroċċa ta' din il-Belt ta' Bormla (Seduta 400, Konsulta Ġenerali 10 ta' Sett. 1904).

**L-ISTATWA TA' ĠESU FL-ORT** hija opra tal-kartapesta magħmulha mill-Iskultur Karlu Darmanin fis-sena 1878. IL-konfraternità ħallset l-ispejjeż. Is-salib ta l-Ebanu ta' l-Anġlu ta' din l-istatwa sar mill-mastrudaxxa Lorenzo Busuttil fis-sena 1907 u l-ispejjeż ħallas għalihom il-fratell Ġerardu Rosso Frendo u l-fratell Antonio Ellul fl-1914 ħallas l-ispejjeż ta' l-ornamenti tal-fidda li jinsabu f'dan is-salib.

**L-ISTATWI TA' L-"ECCE HOMO" U KRISTU FLAĠELLAT** ta' l-injam (ponente) saru fis-sena 1840 mill-iskultur Mastru Pawlu Azzopardi. Il-Konfrater-

nitâ ħallset is-somma ta' mitejn u tmienja u sittin skud (286, 6) li tnax-il skud minn din is-somma ġew mogħtija lill-Iskultur bħala rigal, (ara Atti Nutar Battagli 18 Apr. 1840).

**L-ISTATWA TA' ĠESU REDENTUR** magħmula mill-injam ħadimha l-Iskultur Mastru Pawlu Azzopardi fis-sena 1858. Il-Konfraternità ħallset is-somma ta' mija u ħamsin skud lil dan l-iskultur u ħallset is-somma ta' mija u erba' skudi lill-Prokuratur legali Mikiel Angelo Ross bħala nofs l-ispejjeż tal-qorti fuq kawża li l-Konfraternità kellha ma dan l-iskultur Azzopardi kif ukoll taxxa mill-qorti ta' sbatax-il lira disa' xelini u ħdax-il sold.
Is-salib ta' l-Ebanu bl-erba' ornamenti tal-fidda saru bl-ispejjeż tal-fratell Vincenzo Giliano u sħabu. L-istatwa antika tar-Rendentur ġiet mogħtija lill-Parroċċa tal-Mellieħa fl-1860.

**L-ISTATWA TAL-VERONIKA** opra tal-kartapesta ġiet magħmula u regalata mill-fratell Abraham Gatt fis-sena 1910.

**IL-VARA L-KBIRA:** Id-Duluri, San Ġwann l-Evanġelista u Santa Marija Maddalena opra tal-kartapesta saru mill-Iskultur Mastru Karlu Darmanin fis-sena 1876 u ħallset għalihom il-Konfraternità. Is-Salib ta' l-ebanu bit-tlitt ornamenti tal-fidda saru fl-1894 għas-spejjeż tal-fratell Antonio Paris. Is-salib ta' l-ebanu sar mill-mastrudaxxa Lorenzo Busuttil,fratell ta' din il-Konfraternità għas-somma ta' mija u għoxrin skud. L-Arġentier Paolo Pace għamel l-ornamenti tal-fidda ta' dan is-salib għas-somma ta' erbgħa u ħamsin skud.
Il-Kurċifiss hija opra tal-kartapesta tal-fratell Abraham Gatt, u qamet is-somma ta' sitta u disgħin skud.
Abraham Gatt benefattur kbir tal-Konfraternità kien ġa ta ħames mija u erbgħa u sittin skud għal din l-istatwa, għalhekk il-fratelli fil-konsulta Ġenerali li saret fit-28 ta' Ġunju 1894 irringrazzjawh ħafna u biex juruh l-apprezzament tagħhom spontanjament offrewlu l-kariga ta' Rettur għal dik is-sena.

**L-ISTATWA TAD-DULURI** li tikkonsisti f'Marija addolorata u San Ġwann l-Evanġelista, opra tal-kartapesta saret fis-sena 1876 mill-iskultur Karlu Darmanin.
Is-salib u s-sellum ta' l-ebanu ġew maħduma fis-sena 1896 mill-mastrudaxxa mastru Carmenu Pulè. Qamu s-somma ta' tmienja u sebgħin skud u tħallsu mill-fratell Emanuele Paris. L-ornamenti tal-fidda saru mill-arġentier Paolo Pace u l-fratell Rosario Ellul ħallas l-ispejjeż li kienu erbgħa u ħamsin skud.

**IL-MONUMENT** jew is-sodda ta' Kristu Mejjet hija opra ta' l-iskultur Petruzzo Borg u ta' l-induratur Antonio Paris; saret fis-sena 1757 u qamet ħames mija u sittax-il skud u tħallset mill-istess fratellanza (atti nutar Paolo Saliba 13 ta' April 1757).

L-istatwa ta' Kristu Rxoxt saret minn awtur Spanjol. Celestino Sacco, fratell tal-Kurċifiss, irregalaha lill-istess Konfraternità fis-7 ta' April 1741.

**Kan. Kant. Gustavo M. Barbara Prokuratur**